MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Numru. 541/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**ALFRED PORTELLI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Alfred Portelli ta’ 52 sena bin Anthony Antonia nee` Borg, imwieled Birkirkara fit-28 ta’ Lulju 1956, residenti fil-fond 15, Triq il-Kartaginizi Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 523456M

**Akkuzat talli:**

1. nhar l-20 ta' Dicembru 2005 u fis-snin ta' wara din id-data f'Malta u/jew fl-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta xjentement, jeew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkaguna dannu lil jew qered proprjeta` kulturali sew jekk tali proprjeta` kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju skond l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. talli ghamel attivita` jew inkella agixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenza jew permess mahrug taht l-istess Att jew naqas milli jaghmel xi haga li kien mehtieg li jaghmel taht dan l-istess Att, regolament jew licenza.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li rat l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Peress illi r-reat kriminali huwa wiehed ta' natura volontarju hlief meta l-ligi tipprefiggi traskuragni negligenza jew nuqqas ta' hila.

Peress illi dawn l-elementi ma jezistux u qatt ma jistghu jezistu fir-reat "de quo" u dan minhabba dawn ir-ragunijiet;

1. l-imputat qatt ma gie avzat illi s-sit kien wiehed ta' importanza arkeologika ;peress li huwa qatt ma gie avzat b'dan sia mis-sid precedenti u l-anqas mill-awtoritajiet kompetenti;

2. Illi l-avviz imwahhal fuq il-post illi s-sit huwa wiehed arkeologiku twahhal fis-sena 2004 meta s-sit kien jappartjeni lis-sid precedenti. Ix-xoghol ta' trenching kien inbeda minn dan is-sid, Bonnici, illi meta sab dan l-avviz imwahhal, waqqaf minnufih mix-xoghol illi huwa kien diga` beda.

3. Illi l-imputat xtara dan is-sit minghand Bonnici fl-2005 Bonnici qatt ma gharfu b'dana l-avviz.

4. Illi l-imputat kompla bix-xoghol ta' trenching, bini ta' hitan ta' sejjieh u "tool room" ta' 7 piedi bi 8 piedi. Dana x-xoghol sar minghajr il-permessi tal-MEPA mehtiega. Izda, jirrizulta illi qatt ma gew in evidenza

remainsarkeologici waqt illi n-natura tax-xoghol maghmul ma kienx wiehed li seta' jaghmel xi forma ta' hsara.

5. Illi waqt illi ma humiex kompitu ta' din il-Qorti, l-perit tal-imputat kien talab formalment sabiex dawn ix-xoghlijiet illegali jigu ssanzjonati l-ezitu ta' tali sanction m'huwie maghruf u l-ezitu mhuwiex rilevanti ghall-dina l-kawza.

Nonstante li l-area hija wahda ta' importanza arkeologika zewg konstatazzjonijiet ghandha taghmel din il-Qorti;

1. illi l-awtoritajiet koncernati mill-kura ta' wirtna ghandhom jimmarkaw b'mod vizibbli dawn is-siti kollha illi huma protetti.

2. Ma jidrilhiex illi gew rilevti remains arkeologici f'dana s-sit partikolari u lanqas qatt ma gew identifikati.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi lilu ddebitati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------